# 102. Bla Demgħa ta’ Biki

Meta għal għarrieda
il-mewt ħatfet lilek f'ġurnata,
u jien bqajt waħdi
ġo art il-barrani,
'il bgħid mill-għajnuna,
'il bgħid mill-mgħodrija,
jiena ma bkejtx…
u tlaqt minn fuq qabrek
bla demgħa f'għajnejja,
bla lfiq fuq xofftejja,
mingħajr eleġija,
qisni bla demm…

Għażiża Connie,
il-hemm tal-ħajja
nixxifli l-kanali t'għajnejja,
nixxifli l-għanjiet fuq xofftejja,
u bqajt bħal kitarra bil-kordi maqtugħa,
u bqajt bħal miblugħ
b'għajnejja skantati
bħall-għajnejn kbar u vjola
tax-xewk imnixxef
li jħarsu ċassi
fix-xagħra li ħaddret bil-ġmiel tar-rebbiegħa
u issa maħruqa
mill-ħerqa u l-ħerba tas-sajf!